**Emenda 87**
**Jean-François Jalkh**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0029/2017**
**Simona Bonafè**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2015)0596 - C8-0385/2015 - 2015/0276(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(13) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni aħjar, f'waqtha u aktar uniformi ta' din id-Direttiva, u sabiex jiġu antiċipati d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni, għandha titwaqqaf sistema ta' twissija bikrija ħalli ssib in-nuqqasijiet u tkun tista' tittieħed azzjoni qabel l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri.*** | ***imħassar*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 88**
**Jean-François Jalkh**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0029/2017**
**Simona Bonafè**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2015)0596 - C8-0385/2015 - 2015/0276(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 6b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(5) jiddaħħal l-Artikolu 6b li ġej:* | ***imħassar*** |
| "***Artikolu 6b*** | |
| ***Rapport ta' twissija bikrija*** | |
| ***1. Bi sħab mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Kummissjoni għandha tfassal rapporti dwar il-progress lejn l-ilħiq tal-miri stipulati fl-Artikolu 6(1)(f) sa (i), sa mhux aktar tard minn tliet snin qabel kull skadenza stipulata f'dawk id-dispożizzjonijiet.*** | |
| ***2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fihom li ġej:*** | |
| ***(a) stima dwar il-kisba tal-miri minn kull Stat Membru;*** | |
| ***(b) lista tal-Istati Membri bir-riskju li ma jilħqux il-miri fil-limiti taż-żmien rispettivi, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet xierqa għall-Istati Membri kkonċernati.***" | |

Or. en



Magħquda fid-diversità